MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-13 ta' Settembru, 2007

Appell Civili - Ghawdex Numru. 61/1999/1

**Anton Said; Lorenza Said, u b' digriet tal-5 ta' Awissu 2005, il-gudizzju gie trasfuz f' isem Anton Said, Maria mart Vincent Grech, Victor Said ilkoll ahwa Said, flimkien ma' Albert Lupi, Andrew Lupi, u Mario Lupi, minflok Lorenza Said, li mietet fil-mori tal-kawza; u Maria mart Vincent Grech**

**vs**

**John Attard**

**Il-Qorti,**

Fl-10 ta' Novembru, 2006, il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Inferjuri ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-Avviż li permezz tiegħu l-atturi talbu lill-konvenut igħid għaliex m’għandux ikun ikkundannat minn din il-Qorti jiżgombra mill-biċċa raba magħrufa bħala 'Tat-Torri' sive 'Ta' San Dimitri' limiti tal-Għarb, tal-kejl ta' ċirka ħamest itmien, proprjeta' tal-atturi, li huwa qed jokkupa mingħajr ebda titolu validu fil-liġi abbusivament .

Bl-ispejjeż u l-VAT u inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tas-16 ta' Lulju, 1999, bl-inġunzjoni tal-konvenut għas-subbizzjoni .

Rat in-nota ta’ l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li eċċepixxa illi :

1. Illi, preliminarjament għandu jkun hemm is-soprassessjoni ta' dana l-avviż u dana peress illi l-istess atturi pproċedew simultenjament quddiem dina l-istess Onorabbli Qorti fil-kompetenza Superjuri tagħha permezz ta' kawża ta' spoll privileġġjat fl-ismijiet : "Anton Said et – vs – Ganni Attard" (Ċitaz. Nru : 122/99);

2. Illi fil-mertu u mingħajr ebda preġudizzju għal premess, l-avviż huwa monk u null u dana peress illi mħhemmx fl-istess avviż identifikazzjoni tal-proprjeta' li l-atturi qegħdin jallegaw li hija tagħhom ;

3. Illi mingħajr preġudizzju għal premess, l-atturi jridu l-ewwel jippuvaw li huma proprjetarji tar-raba oġġett ta' dana l-avviż ;

4. Illi fil-mertu u mingħajr ebda preġudizzju għal premess, il-konvenut għandu titolu validu fil-liġi fuq ir-raba in kwistjoni u preċiżament titolu ta' inkwilinat, kif jiġi pruvat dettaljatament waqt is-smiegħ tal-istess kawża ;

5. Salvi eċċezzjonijiet oħra fid-dritt u fil-fatt .

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda prodotti, l-affidavits u d-dokumenti oħra esebiti, kif ukoll l-atti tal-kawża konnessa bejn l-istess kontendenti quddiem din il-Qorti fil-kompetenza Superjuri Tagħha u fl-ismijiet "Anton Said et. vs Ganni Attard et." (ċitaz. nru. 122/1999), fejn hemm miġbura uħud mill-provi rilevanti għall-kawża preżenti wkoll .

Rat il-verbal tagħha tat-23 ta' Ġunju 2006 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza .

Rat in-noti ta' l-osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

Ikkunsidrat :

Illi din hija kawża ta' żgumbrament . Mill-provi mressqa rriżulta illi l-atturi qed jilmentaw mill-fatt li l-konvenut, dakinhar stess li miet Tarcisio Agius, li kien jikri mingħandhom l-għalqa msemmija fl-avviż, qabad u daħal fiha . Dan għamlu wara illi dakinhar stess kien mar għandhom il-konvenut u nfurmahom illi kien ser jaħdimha hu għax Agius kien wellihielu. Infatti marru fuq il-post u sabu illi l-konvenut kien ġia ħarat terz mill-għalqa, u l-għada skoprew illi l-konvenut neħħa l-bruġ tal-ġebel li kienu għamlu proprju biex jindikaw illi ħadd ma kellu jidħol fl-istess għalqa[1]. Xejn minn dan ma ġie nnegat mill-konvenut, pero' huwa jikkontendi illi dan għamlu għax madwar sena qabel Agius kien wellielu l-istess għalqa u anke nkiseb il-kunsens ta' waħda mis-sidien Lorenza Said li kienet tirċievi l-qbiela u li, fuq insistenza tagħha, kienet anke għollietlu l-qbiela li kellha titħallas minn ħames liri maltin (Lm5) għal għaxar liri maltin (Lm10) fis-sena .

[1] ara affidavits ta' Frank Lupi Dok. FL a fol.10 u ta' Anton Said Dok. AS a fol. 12 - 13 tal-process

Pero' qabel ma nidħlu fil-mertu tal-każ, jeħtieġ illi jiġu ttrattati l-eċċezzjonijiet ta' natura preliminari .

L-ewwel eċċezzjoni tirrigwarda s-soprasessjoni ta' din il-qorti, pendenti l-eżitu tal-kawża ta' spoll istitwita wkoll mill-istess atturi . Pero' bi qbil bejn il-partijiet dawn iż-żewg kawżi nstemgħu kontestwalment, u nfatti l-kawża ta' spoll għadha kemm ġiet deċiża qabel dik preżenti . Din il-kwistjoni hija għalhekk superata .

Bit-tieni eċċezzjoni l-konvenut jilmenta min-nuqqas ta' identifikazzjoni tal-proprjeta' *de quo* . Imma dan ma jidhirx illi effetttwa lill-konvenut bl-ebda mod fid-difiża tiegħu u qatt ma kien hemm xi diffikulta' sabiex din il-proprjeta' tiġi identifikata bħala l-għalqa li kienet imqabbla lill-imsemmi Tarcisio Agius . Din l-eċċezzjoni hija għalhekk respinta .

It-tielet eċċezzjoni tirrigwarda l-prova tat-titolu ta' proprjeta' fl-atturi . Fid-depożizzzjoni tiegħu l-istess konvenut jammetti illi l-għalqa *de quo* tappartjeni lill-atturi, għaliex lilhom jgħid li avviċina, sew meta Tarcisio Agius ried jinfurmahom li wellielu l-għalqa, u anke meta dakinhar stess li miet Agius mar javżahom illi kien ser jibda jaħdimha hu . Fi kwalunkwe każ imbagħad il-konvenut jerġa' jammetti dan it-titolu fl-istess nota ta' l-Osservazzjonijiet tiegħu[2] . Din l-eċċezzjoni hija għal daqstant miċħuda wkoll .

Niġu issa għalhekk għall-mertu . Id-difiza ewlenija tal-konvenut għat-talba ta' żgumbrament ta' l-atturi, hija illi huwa qed jokkupa l-art in kwistjoni b'titolu validu fil-liġi . Huwa jikkontendi illi din l-art kienet ġiet imwellija lilu minn Tarcisio Agius xi sena qabel ma miet, u b'dan kienu anke infurmaw lill-waħda mis-sidien, Lorenza Said, li aċċettat u rrikonoxxietu billi awmentatlu l-qbiela minn ħames

[2] ara t-tieni paragfaru ta' din in-Nota .

liri maltin (Lm5) għal għaxar liri maltin (Lm10) . Kien hemm daqsxejn ta' inċertezza dwar x'kienet tassew in-natura tal-ftehim li l-konvenut jallega li għamel, u ġieli jsemmi li Agius kien "*wellihielu*" u drabi oħra jgħid li "*ċedihielu*" . Imma fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tiegħu, wara li jammetti dan, il-konvenut jiddikjara inekwivokament illi dan il-ftehim kien wieħed ta' **sullokazzjoni**. F'dan il-kuntest ikun hawnhekk opportun illi tiġi imfissra sew id-differenza bejn sullokazzjoni u ċessjoni ta' kirja, għax fuq din id-distinzjoni jista' jiddependi l-eżitu ta' din il-kawża . "*La sublocazione e' una nuova locazione intervenuta fra conduttore e subconduttore, e i suoi effetti sono regolati, salvo convenzione contraria, dalle regole dettate in tema di locazione, mentre la cessione contiene una trasmissione dei diritti e delle obbligazioni del conduttore a un terzo . La sublocazione lascia intatta la locazione, e, creando nuovi vincoli, puo' contenere patti nuovi, e sopratutto un prezzo diverso . La cessione dell'affitto e' l'abbandono che fa il conduttore a un terzo del suo contratto, per un prezzo convenuto che tien conto del complesso degli elementi utili del contratto e' puo' anche farsi a causa di donazione . Questo secondo contratto e' una vera vendita . I rapporti che nascono sono di venditore e compratore . Il conduttore, il presso quale* ***reliquiae conductionis*** *non rimangono, spogliatosi di ogni sua attinenza colla cosa locata, non ha altre azioni contro il cessionario se non quelle personali che gli derivano dalla vendita, mentre il cessionario entra nel luogo del primo conduttore."* [3]

Il-verżjoni tal-konvenut ta' kif akkwista t-titolu li jgħid li għandu fuq l-għalqa in kwistjoni hija is-segwenti : Qrib Santa Marija tal-1998 huwa kien laħaq ftehim ma' l-imsemmi Tarcisio Agius biex dan iċedilu l-għalqa "ta' San Dimitri", li Agius kien jikri mingħand xi nies mir-Rabat . Ta' dan huwa

[3] Digesto Italiano vol. XIV voce Locazione para.158 pag.1100 .

ħallas lil Agius is-somma ta' sitt mitt lira (Lm600) u marru flimkien għand l-attriċi Lorenza Said, illum mejta, waħda mis-sidien li kienet tiġbor il-qbiela biex jinfurmawha . Din aċċettat li tirrikonoxxi lill-konvenut fil-qbiela, basta illi d-data pagabbli tiġi awmentata għal għħxar liri (Lm10) . Għalhekk wara li Agius ħallasha għaxar liri ta' sentejn qbiela li kien għad baqagħlu jagħtiha, il-konvenut ta għaxar liri oħra . Ma sar xejn bil-miktub u lanqas ingħataw irċevuti[4] .

Imma anke jekk jiġi emmnut il-konvenut, u x-xhieda kollha li huwa pproduċa biex jikkorroboraw il-verzjoni tiegħu, xorta waħda jibqa' l-fatt innegabbli illi dan it-tip ta' ftehim kif spjegat mill-konvenut, fih ħafna iktar elementi ta' ċessjoni ta' kirja milli ta' sullokazzjoni . Hekk insibu :

(i) is-somma sostanzjali ta' flus li suppost tħallset f'daqqa lil Agius . Din ma tista' tkun xejn għajr il-prezz taċ-ċessjoni, kif imfisser fil-bran hawn fuq ċitat ;

(ii) il-fattur illi Agius ma jidhirx illi kien ser jibqa' jkollu x'jaqsam iktar mas-sid, għaliex, kuntrarjament għal dak li jiġri f'sullokazjoni, din suppost illi kienet bdiet tirrikonoxxi lill-konvenut direttament ;

(iii) l-awment tal-qbiela kienet ser tibda tgawdieh is-sid direttament, u mhux is-sub-lokatur Agius ;

(iv) il-qbiela l-ġdida ta' għaxar liri (Lm10) il-konvenut jgħid li ħallasha direttament lil Lorenza Said, li ma kellux ikun il-każ kieku verament kien hemm sullokazjoni, fejn qatt ma jkun hemm rapport dirett bejn is-sid u s-subkonduttur . F'sullokazzjoni kien jibqa' jiġbor din il-qbiela Agius, u mbagħad jgħaddiha hu lis-

---

[4] ara depożizzjoni tal-konvenut a fol. 17 - 36 tal-process .

sid, ħaga li evidentement ma saritx b'dan il-mod fil-każ preżenti .

Jidher għalhekk illi, minkejja dak li jsostni fin-nota ta' l-Osservazzjonijiet tiegħu il-konvenut, il-ftehim li suppost laħaq ma' Tarcisio Agius kien aktar jixbaħ dak ta' ċessjoni ta' kirja milli ta' sullokazzjoni . Imma sabiex ikun perfett tali fethim, skond il-liġi, tali ċessjoni kellha dejjem issir bil-miktub.[5] Il-konvenut ma kienx f'pożizzjoni jipproduċi ebda skrittura li suppost irregolat din iċ-ċessjoni. Konsegwentement kwalunkwe ftehim illi huwa seta' ikkonkluda ma' l-imsemmi Tarcisio Agius, dwar l-għalqa in kwistjoni, ma jistax jitqies bħala wieħed validu f'għajnejn il-liġi .

Għaldaqstant, u peress illi rriżulta illi l-konvenut m'għandu ebda titolu validu fil-liġi sabiex jibqa' jokkupa l-għalqa imsemmija fl-avviż, it-talba attriċi għandha tirnexxi .

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talba attriċi u tordna lill-konvenut jiżgombra mill-biċċa raba' magħrufa bħala "Tat-Torri" sive "Ta' San Dimitri", limiti ta' l-Għarb, Għawdex, tal-kejl ta' ċirca ħamest itmiem u proprjeta' ta' l-atturi, li huwa qiegħed jokkupa mingħajr ebda titolu validu fil-liġi, fi żmien xahrejn mil-lum .

Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittra uffiċċjali tas-16 ta' Lulju 1999, kontra l-konvenut.”

Bl-appell tieghu fil-kontestazzjoni ta’ din is-sentenza l-konvenut jobbjetta illi:-

(1) L-atturi baqghu ma gabux prova tat-titolu taghhom ta’ proprjetarji tar-raba’ in kwestjoni u hu messu allura gie liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

[5] art. 1470 Kap. 16

(2) L-ewwel Qorti ghamlet deduzzjoni zbaljata meta rriteniet illi l-ftehim bejnu u l-gabillott-kerrej Tarcisju Agius kien wiehed ta' cessjoni. Huwa jinsisti illi tali arrangament ma' l-inkwilin kien jirrivesti r-rekwiziti tas-sullokazzjoni u, jekk ma kienx dan, jista' jaghti l-kaz ukoll li kien hemm ftehim ta' kirja gdida bejnu u s-sid ir-raba';

L-ewwel aggravju hu ta' facli spedizzjoni u ser jigi rigettat. Hu bil-bosta ovvju mill-istess dikjarazzjonijiet li jaghmel l-appellanti fil-kors tad-deposizzjoni tieghu quddiem l-ewwel Qorti illi hu stess kien qed jirrikonoxxi illi t-titolari fil-proprjeta tar-raba' kienu l-appellati u mhux haddiehor. Kien hu, jekk wiehed joqghod ghal versjoni tieghu tal-fatti minnu rakkontati, illi flimkien ma' l-inkwilin Tarcisju Agius irrikorra ghand Lorenza Said, u kien ukoll hu li wara l-mewt ta' l-imsemmi inkwilin, irrikorra ghand l-appellati Lupi u Anthony Said. Hemm imbaghad ix-xhieda bl-Affidavits ta' sidien ohra (fol. 9 sa fol. 14) li lkoll jaffermaw illi huma s-sidien tar-raba'. Din l-affermazzjoni taghhom ma tinsab minn imkien mill-atti attakkata;

Eliminat it-terran minn dan l-ewwel aggravju, bit-tieni obbjezzjoni tieghu l-appellanti jippretendi li saret evalwazzjoni skorretta mill-ewwel Qorti tar-rizultanzi istruttorji fejn din iddeterminat l-ezistenza ta' cessjoni. Huwa jiddeduci dan billi ghal dik l-istess evalwazzjoni jikkontrapponi r-ri-elaborazzjoni personali tieghu tal-provi u minnhom jikkreja x-xorta ta' titolu vantat minnu - dak tas-sullokazzjoni - biex jikkuntrasta l-allegazzjoni ta' l-atturi tal-premessa "minghajr ebda titolu validu fil-ligi" sottoposta ghat-talba taghhom ghall-izgumbrament tieghu mir-raba'. Alternattivament, skond kif sottomess minnu *in calce* ghar-rikors ta' l-appell tieghu, l-appellanti jressaq bi proposizzjoni ohra illi jista' jaghti l-kaz ukoll illi in mankanza ta' sullokazzjoni, seta' kien hemm fil-kaz tieghu l-holqien ta' kirja gdida;

Premess dan, jigi osservat in linea ta’ principju generali illi n-natura ta’ kuntratt u l-effetti legali li jiskaturixxu minnu “*non si determinano dalla sua denominazione, o dalla qualita` assunta dai contraenti, ma dalla sostanza dello stesso, e dallo scopo, che se ne ebbe stipulando, non che da altri atti che ne fanno riferenza, se ve ne sono*” (“**Negte Stelliano Zicalaki -vs- Comte. Gio Batta Galea**”, Qorti tal-Kummerc, 2 ta’ Jannar 1890). In tema, issokta jinghad illi “ghalkemm il-partijiet jaghtu lill-ftehim taghhom xbiha ta’ figura guridika, hija l-Qorti li ghandha tara fil-fatt x’ ghamlu, u fuq is-sustanza li tirrizulta tapplika n-*nomen juris* u l-ligi.” (“**Robert Borg -vs- Francesco Abela**”, Appell Kummercjali, 16 ta’ Dicembru 1949);

Ammess ghal mument illi l-fatti kif rakkontati mill-appellanti jikkorrispondu ghas-sewwa - tema din li l-Qorti behsiebha taffronta wkoll aktar ‘il quddiem - jidher li l-kwestjoni centrali taggira fuq is-sustanza ta’ l-akkordju bejn l-appellanti u l-kerrej Tarcisju Agius, u jekk dan jirrispekkjax ic-cessjoni jew is-sullokazzjoni;

B’ introduzzjoni ta’ l-aspett tad-dritt involut hu accettat illi fil-fizjonomija guridika taghha s-sullokazzjoni hu kuntratt awtonomu mil-lokazzjoni pero` fl-istess waqt interament dipendenti fuqu, tant li hu regolat mill-istess disposizzjonijiet li jghoddu ghall-kuntratt ta’ kiri (Artikolu 1613, Kodici Civili). Fis-sullokazzjoni ma jkunx hemm inkwilin gdid imma sub-inkwilin li r-relazzjonijiet tieghu jkunu ma’ l-inkwilin u mhux mas-sid. Ara “**Pasquale Grech -vs- Publio Farrugia *et***”, Appell, 4 ta’ April 1997 u s-sentenzi f’ din kompendjati. Isegwi minn dan illi mis-sullokazzjoni jitwieled rapport ulterjuri, b’ dan pero` li dak l-iehor originat mil-lokazzjoni jibqa’ jikkoezisti. Invece, fil-kaz ta’ cessjoni jigi krejat speci ta’ successjoni partikolari fit-titolu tal-kerrej u ghal perfezzjonament tieghu jrid ikollok il-partecipazzjoni tat-tliet soggetti interessati, ossija l-inkwilin-cendenti, ic-cessjonarju u s-sid b’ mod li jinholoq rapport dirett bejn ic-cessjonarju li jissubentra ghall-inkwilin originarju u s-sid il-fond. F’ kaz bhal dan il-kitba hi funadamentali *ad substantiam* [Artikolu 1470 (1), Kodici

Civili] in kwantu kif jinsab espress, "*la cessione d' affitto soggiace alle regole relative alla cessione dei diritti in generale e quindi dev' essere fatta in iscritto*" (**Kollez. Vol. XVI P II p 140**. Ara wkoll "**Maria Quintano -vs- Carmelo Fino**", Appell, 18 ta' Settembru 1989);

Issa fil-kaz prezenti jekk wiehed joqghod fuq il-fatti kif spjegati mill-appellanti din il-Qorti difficilment tara illi dawn javvicinaw lejn l-ipotesi tas-sullokazzjoni, kif hekk pretiz mill-appellanti. Apparti mill-uzu ta' l-espressjonijiet bhal "cedieh" u "wellieh" li l-istess appellanti jirrikonoxxi li ma huma xejn felici fis-sostenn tat-tezi tieghu, fil-fehma tal-Qorti s-sustanza tas-suppost ftehim li jinghad li sar kellha aktar mill-elementi essenzjali tac-cessjoni milli dik tas-sullokazzjoni. Mod iehor ma ssib ebda spjega l-htiega li l-appellanti, akkompanjat mill-inkwilin, jirrikorri ghand wahda mis-sidien biex din tkun xhieda tar-rapport interkjuz u li minn dakinhar 'il quddiem il-kerrej ma kienx ser ikollu x' jaqsam aktar ghax hu kien ser jissubentra fil-posizzjoni guridika ta' dan. Dan appart l-konsiderazzjonijiet l-ohra kollha zvolti mill-ewwel Qorti u li din il-Qorti qed taghmilhom taghha wkoll. Ikollu jinghad fuq is-suspett iggenerat fil-Qorti illi l-insistenza ta' l-appellanti illi l-ftehim kien wiehed ta' sullokazzjoni u mhux ukoll dak ta' cessjoni qeghda ssir ghax l-appellanti sab ruhu rinfaccjat bl-iskoll illi c-cessjoni ma kienetx tiswa ghax bla kitba u mhux ghax verament kienet tezisti l-ipotesi diversa tas-sullokazzjoni;

Hu nnifsu imbaghad jinsab indeciz minn *nomen juris* li jattribwixxi lir-rapport ghax filli jinsisti li l-ftehim kellu fih l-ingredjenti tas-sullokazzjoni u filli jiprospetta l-krejazzjoni ta' rapport gdid ta' lokazzjoni bejnu u sid il-fond jew, ahjar ma' wahda minnhom. Dan ghaliex, skond hu, din is-sid (Lorenza Said) kienet accettat il-qbiela minghandu. Affermazzjoni din ghal kollox zmentita mill-istess Lorenza Said. (Ara Affidavit taghha fol. 11);

Jigi premess qabel xejn f' dan il-kuntest illi, kif enuncjat, "l-inkwilin li jipprezenta persuna ohra lil sid il-kera biex dan

jirrikonoxxiha bhala inkwilina gdida minfloku ma jaghmelx cessjoni ta’ l-inkwilinat, imma sempliciment dikjarazzjoni illi huwa jrid jitlaq il-lokazzjoni” (Vide “**Rogantino Degabriele -vs- Giuseppe Xuereb *et***”, Prim' Awla, Qorti Civili, 7 ta’ Frar 1946, ri-affermata fis-sentenzi “**Augusto Testaferrata Abela -vs- Giulia D’Ugo**”, Appell Civili, 16 ta’ Ottubru 1959 u “**Rita Pirotta -vs- Simon Carbonaro *et***”, Appell Inferjuri, 17 ta’ Novembru 2004). Ma jidherx li din il-premessa pero` issib applikabilita fil-kaz taht konsiderazzjoni. L-inkwilin Tarcisju Agius ma marx ghand is-sid imsemmija biex jghidilha li hu kien ser jitlaq ir-raba’. Tant hu hekk illi fir-realta, bl-arrangament b’ kollox ma’ l-appellanti, hu baqa’ fid-detenzjoni tar-raba’ ghax “xorta wahda Cisju irid izommu” (ara xhieda ta’ l-intimat a fol. 28). Invece, hu mar biex jghidilha illi kien ftiehem ma’ l-appellanti illi ser icedilu r-raba’., Anke minn dawn il-fatti, dejjem s’ intendi kif rakkontati mill-appellanti, ma jidherx li qatt kien hemm l-intenzjoni ta’ kirja gdida. *Multo magis*, imbaghad, meta hu maghruf illi l-imsemmija Lorenza Said kienet frekwentement tinsisti ma’ l-inkwilin Agius biex dan jitlaq ir-raba’ u jghaddilhulha. Dan, ukoll, johrog mix-xhieda ta’ l-appellanti;

Il-konsiderazzjonijiet superjorment maghmula ta’ fatt u ta’ dritt saru limitatament ghal fini li tinghata twegiba lill-obbjezzjonijiet sottomessi mill-appellanti u mhux ghax, fil-verita`, kien hemm in-necessita li l-Qorti tinoltra daqstant fit-tul dwarhom. Dan qed jigi rilevat ghax hi l-fehma konsiderata ta’ din il-Qorti illi, fil-kumpless tal-kwadru tal-provi, il-versjoni tal-fatti rakkontati mill-appellanti thallilha sapur morr ta’ inveridicita`, u li l-vera intenzjoni tieghu ma hijiex dik li hu jaghti effett ta’ xi suppost arrangament mal-kerrej originarju jew mas-sid, imma, pjuttost, ta’ uzurpazzjoni ta’ raba’ li fuqu ma kellu, u ma seta’ jippretendi, ebda titolu jew dritt. Il-kontradizzjonijiet li jaqa’ fihom fil-kors tad-deposizzjoni tieghu huma bosta u mhux il-kaz li l-Qorti tintilef wisq biex tissenjalhom jew tikkummenta dwarhom. Apparti li l-appellanti ma jipproduci ebda dokument attestanti l-ftehim li jghid li ntlahaq jew il-hlas tal-qbiela li jsostni li ghamel forsi jkun bizzejjed li jigi senjalat illi l-appellanti daqqa jghid li l-kerrej

Agius ghaddielu r-raba' "ghax ma kienx ghadu jiflah" (fol. 22) u daqqa jghid illi ghalkemm dan gie cedut lilu, l-inkwilin xorta wahda ried izommu tant li l-hsad tat-tiben hadu dan u mhux l-appellanti. Anke minn dan biss l-appellanti ma ghandux jistenna li din il-Qorti tippresta affidament jew kredibilita` lil versjoni tieghu, hekk nieqsa minn dik il-verosimiljanza u plawsibilita` ghac-certezza morali tal-Qorti.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez anke ta' din l-istanza jitbatew mill-konvenut appellanti. It-terminu ta' xahrejn prefiss mill-ewwel Qorti ghal skop ta' zgumbrament tal-konvenut mir-raba' jibda jghaddi mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------